MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Numru 517/2002

Il-Pulizija
(Sp Bernard Zarb)
vs
Keith Pace, iben Lawrence,
imwieled Pieta' fl-10 ta' lulju, 1980

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat talli fl-24 ta' mejju, 2002 u fil-ġimgħat preċedenti, fil-Marsa u bnadi oħra f'dawn il-Ġzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
kellu fil-pussess tiegħu, u mexxa biljetti ta' flus falsifikati, u cioe' liri maltin li kien jaf, jew li ma kienx jaf li kienu iffalsifikati.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Lulju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Inoltre, tikkundannah li jħallas multa ta' mitt liri maltin (Lm100).